# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
Il-Ħadd 20 t'Awwissu 2017
L-XX Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkomplu nsaħħu l-fidi tagħna f'Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 56, 1.6-7)
Il-profeta Isaija jurina l-atteġġjament ta' talb li għandu jkollu l-bniedem quddiem Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 66 (67), 2-3.5.6.8)
Ifaħħruk il-popli kollha, o Alla

**It-Tieni Qari** (Rum 11, 13-15.29-32)
Alla ma jerġax lura minn kelmtu u juri ħniena ma' kulħadd.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 15, 21-28)
Il-mara Kangħanija wriet fidi kbira quddiem Ġesù, u frott ta' din il-fidi, hi kisbet dak li xtaqet.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Il-fidi tagħna ssalvana u tħeġġiġna sabiex inroddu ħajr lil Alla ta' dak kollu li jagħtina.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija hija l-milja tal-fidi tagħna.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.